MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 216/2012

**Valhmor Borg Import Export Limited C 3062**

**vs**

**Desmond Scerri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-25 ta’ Gunju 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma komplessiva ta’ erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u sitt centesmi (€4,306.06) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta’ diversi konsenji ta’ prodotti ghall-konsum lilu mibjugha, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribli mit-2 ta’ Dicembru 2011 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentat kontestwalment ma’ dan l-att, tat-taxxa fuq l-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bil-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi nhar it-2 ta’ Awwissu 2012 giet prezentata nota ta’ ammissjoni tal-konvenut.

Il-Qorti ghalhekk qeghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erbat elef, tlett mija u sitt Ewro u sitt centesmi (€4,306.06) fuq ammissjoni tieghu stess, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut u l-imghax jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------